IL-KUMMISSJONI EWROPEA
ID-DIRETTORAT ĠENERALI
GĦALL-POLITIKA REĠJONALI
Żvilupp tematiku, impatt, evalwazzjoni u azzjonijiet innovattivi
**Evalwazzjoni u żieda**

**Il-perjodu Ġdid ta' l-Ipprogrammar 2007-2013**

**Dokumenti ta' ħidma metodoloġiċi**

**DOKUMENT TA' ĦIDMA 4**

# Gwida dwar il-metodoloġija għall-Analiżi ta' l-Ispejjeż u l-Benefiċċji

# Werrej

1. L-AMBITU TAL-LINJI TA' GWIDA ........ 3

2. PRINĊIPJI ĠENERALI DWAR L-ANALIŻI TA' L-ISPEJJEŻ U L-BENEFIĊĊJI ........ 3

2.1 L-analiżi ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji u proġetti ewlenin ........ 4

2.2 Elementi li jridu jiddaħħlu fl-analiżi ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji ........ 5

2.2.1 Tifsir ta' l-għanijiet, identifikazzjoni tal-proġett u r-riżultati ta' l-istudji ta' vijabbiltà ........ 5

2.2.2 Analiżi finanzjarja ........ 6

2.2.3 Analiżi ekonomika ........ 8

2.2.4 Is-sensittività u l-analiżi tar-riskju ........ 10

3. DETERMINAZZJONI TA' L-GĦOTJA MILL-UE ........ 11

3.1 Qafas regolatorju ........ 11

3.2 Ambitu ........ 11

3.3 Il-ħsieb wara l-metodu li jiffinanzja d-defiċit ........ 12

4. KWISTJONIJIET SPEĊIFIĊI ........ 13

4.1 Ammont ta' profitt li normalment hu mistenni ........ 13

4.2 Il-Prinċipju ta' Min Iħammeġ irid Iħallas ........ 14

4.3 Ekwità (kemm wieħed jiflaħ iħallas) ........ 15

4.4 Sħubija bejn il-Gvern u l-Privat (*PPP*) ........ 15

5. KUMMENTI KONKLUŻIVI ........ 16

6. GLOSSARJU ........ 17

7. REFERENZI ........ 18

ANNESS I: SĦUBIJA BEJN IL-GVERN U L-PRIVAT (IL-*PPP*) ........ 19

L-ANNESS II: L-EKWITÀ (KEMM JIFILĦU JĦALLSU) ........ 20

L-ANNESS III: DETERMINAZZJONI TA' L-GĦOTJA MILL-UE: EŻEMPJU NUMERIKU ........ 22

# 1. L-AMBITU TAL-LINJI TA' GWIDA

L-għan ta' dan id-dokument hu li jippreżenta sett ta' regoli prattiċi li se jwasslu għal aktar konsistenza u preċiżjoni fl-analiżi li jsiru fil-futur dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji (is-*CBA*) għall-applikazzjonijiet ta' l-*ERDF* u tal-Fond ta' Koeżjoni u għalhekk biex jittieħdu deċiżjonijiet aħjar.

Hu maħsub biex jintuża mill-awtoritajiet li jmexxu li jikkummissjonaw analiżijiet dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji jew li jwettquhom internament. Iżda, mhux maħsub bħala gwida jew manwal dwar kif issir l-analiżi ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji[1].

Id-dokument ta' ħidma jiċċara xi prinċipji ġenerali tas-*CBA* għal proġetti ewlenin u l-proċess biex tiġi determinata l-għotja mill-UE għall-proġetti kollha. Dan huwa bbażat fuq il-prassi miksuba fl-evalwazzjoni tal-proġetti matul il-perjodi ta' ipprogrammar preċedenti, filwaqt li jqis il-kuntest regolatorju l-ġdid għall-perjodu 2007-2013.

L-Artikolu 40 (e) tar-Regolament 1083*/2006* jistipula li meta jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni proġetti ewlenin biex jingħataw għajnuna finanzjarja permezz tal-Fondi Strutturali u permezz tal-Fond ta' Koeżjoni (minn issa 'l quddiem, "il-Fondi") **irid ikollhom magħhom l-informazzjoni li tikkonċerna l-analiżi ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji.** Il-Kummissjoni meħtieġa tagħti gwida indikattiva dwar il-metodoloġija li trid tintuża biex issir l-analiżi ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji.

Fir-rigward ta' proġetti li jiġġeneraw id-dħul, il-Kummissjoni tipproponiet li tissimplifika u terġa' tirranġa l-metodu (l-hekk imsejjaħ "metodu li jiffinanzja fejn hemm nuqqas") biex tiġi determinata r-rata ta' għajnuna mill-Fondi għall-proġetti li jiġġeneraw dħul. F'dan ir-rigward, hi twieġeb għall-kritika ta' inkonsistenza magħmula mill-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri. Barra minn hekk, hemm formoli ta' l-applikazzjoni standardizzati għall-infrastruttura u għall-investiment produttiv annessi mar-Regolament tal-Kummissjoni fis-seħħ *[NNNN/2006]*.

| |
|---|
| Sabiex ikun żgurat li hemm konsistenza fi ħdan l-Istat Membru, hu propost li l-Istati Membri jiżviluppaw il-qafas ta' gwida tagħhom billi jqisu l-ambjenti istituzzjonali speċifiċi, speċjalment għas-setturi tat-trasport u l-ambjent. |

L-ewwel parti tad-dokument ta' ħidma tirreferi għall-prinċipji ġenerali ta' l-analiżi ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji u tagħti fil-qosor l-elementi li jridu jitqiesu bħala parti mill-applikazzjonijiet tal-proġetti sottomessi għall-approvazzjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni. It-tieni parti tad-dokument fiha gwida dwar kif tiġi determinata l-bażi li fuqha se tkun stabbilita l-għotja mill-UE. It-tielet parti tittratta kwistjonijiet partikolari marbuta ma' l-ammont ta' profitt li normalment ikun mistenni, il-prinċipju li min iħammeġ irid iħallas, kemm jiflaħ iħallas għalih u s-sħubija bejn il-gvern u l-privat.

# 2. PRINĊIPJI ĠENERALI DWAR L-ANALIŻI TA' L-ISPEJJEŻ U L-BENEFIĊĊJI

L-għan li tintalab li tiġi sottomessa *CBA* għall-proġetti ewlenin huwa maqsum fi tnejn. L-ewwel, irid jintwera li l-proġett hu mixtieq mil-lat ekonomiku u jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-politika reġjonali ta' l-UE. It-tieni, għandha tingħata prova li l-kontribut tal-

[1] F'2002, DG REGIO aġġorna "Il-Gwida għal analiżi ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-proġetti ta' investiment" għall-*ERDF,* l-*ISPA* u l-Fond ta' Koeżjoni. Din tinsab fuq Inforegio.

Fondi hu meħtieġ biex il-proġett ikun finanzjarjament vijabbli. Il-livell adattat ta' għajnuna għandu jiġi determinat abbażi ta' dan.

Is-*CBA* hija għodda essenzjali biex jiġu stmati l-benefiċċji ekonomiċi tal-proġetti. Fil-prinċipju, l-impatti kollha għandhom jiġu evalwati: finanzjarji, ekonomiċi, soċjali, ambjentali, eċċ. L-għan tas-*CBA* hu li jidentifika u jgħid kemm jiswew (jiġifieri jorbot valur monetarju ma') l-impatti kollha possibbli sabiex ikunu determinati l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-proġett; imbagħad ir-riżultati jingħaddu flimkien (il-benefiċċji attwali) u l-konklużjonijiet isiru fuq jekk il-proġett hux mixtieq u hux ta' min jimplimentah. L-ispejjeż u l-benefiċċji għandhom jiġu evalwati fuq bażi inkrimentali, billi titqies id-differenza bejn ix-xenarju tal-proġett u xenarju alternattiv mingħajr il-proġett.

L-impatt għandu jiġi evalwat fuq għanijiet determinati minn qabel. Billi l-proġett jiġi evalwat permezz ta' indikaturi mil-lat ekonomiku tas-settur, is-*CBA* tista' tevalwa l-konsistenza tiegħu u r-rilevanza tiegħu ma' l-għanijiet ekonomiċi speċifiċi tal-pajjiż. Fil-kuntest tal-politika reġjonali, is-*CBA* hi użata biex tevalwa r-rilevanza ta' proġett ta' investiment partikolari ma' l-għanijiet tal-politika reġjonali ta' l-UE.

Il-livell ta' analiżi użat fis-*CBA* jrid ikun imfisser b'referenza għas-soċjetà li fiha l-proġett għandu impatt rilevanti. L-ispejjeż u l-benefiċċji jistgħu jinħolqu u jiġu dovuti fuq livelli ġeografiċi differenti, għalhekk trid tittieħed deċiżjoni dwar liema spejjeż u benefiċċji għandhom jiġu kkunsidrati. Dan normalment jiddependi mid-daqs u l-ambitu tal-proġett. L-impatti fuq livell muniċipali, reġjonali, nazzjonali u anki Komunitarju jistgħu jitqiesu.

Meta jkunu qed jistmaw l-impatti potenzjali ta' proġett, l-analisti dejjem isibu ammont ta' inċertezza. Dan irid jitqies sew u jiġi trattat fis-*CBA*. Eżerċizzju dwar l-evalwazzjoni tar-riskju huwa parti essenzjali minn analiżi komprensiva, għaliex min ikun qed jippromwovi l-proġett ikun jista' jifhem aħjar il-mod kif x'aktarx jinbidlu l-impatti stmati jekk xi fatturi ewlenin li jvarjaw fil-proġett ikunu differenti minn dawk mistennija. Analiżi dettaljata tar-riskju hi l-bażi għal strateġija tajba ta' immaniġjar tar-riskju, li mbagħad terġa' tidħol fid-disinn tal-proġett.

## 2.1 L-analiżi ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji u proġetti ewlenin

L-Artikolu 40 (e) tar-Reg. 1083/2006 jirrikjedi lill-Istat Membru (jew lill-awtorità li tmexxi) jipprovdi *CBA* lill-Kummissjoni għall-proġetti ewlenin. Hemm żewġ raġunijiet prinċipali għaliex is-*CBA* hi meħtieġa għall-proġetti ewlenin:

1) <u>Biex jiġi evalwat jekk il-proġett jaqbilx li jiġi kofinanzjat</u>

Il-proġett jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-politika reġjonali ta' l-UE? Ikattar it-tkabbir u jżid ix-xogħol? Sabiex dan jiġi ċċekkjat, jeħtieġ li ssir analiżi ekonomika u wieħed iħares lejn l-effett fuq l-indiċi ekonomiċi stmati mis-*CBA*. Regola aktar sempliċi tkun: jekk il-valur ekonomiku attwali tal-flus futuri ġġenerati mill-proġett (l-*ENPV*) hu pożittiv, mela s-soċjetà (reġjun/pajjiż) se tiggwadanja jekk isir il-proġett minħabba li l-benefiċċji tiegħu huma ħafna ikbar mill-ispejjeż tiegħu. Għalhekk, il-proġett għandu jingħata għajnuna mill-Fondi u jkun ko-finanzjat, jekk meħtieġ (ara hawn taħt).

2) <u>Biex jiġi evalwat jekk il-proġett ***jeħtieġx*** li jiġi kofinanzjat</u>

Il-fatt li proġett jikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-għanijiet tal-politika reġjonali ta' l-UE ma jfissirx bilfors li jrid jiġi ko-finanzjat mill-Fondi. Barra milli jkun mixtieq mil-lat

ekonomiku, proġett jista' wkoll iħalli profitt finanzjarju, f'liema każ m'għandux ikun ko-finanzjat mill-Fondi. Biex jiġi ċċekkjat jekk proġett jeħtieġx li jiġi ko-finanzjat hemm bżonn ta' analiżi finanzjarja: jekk il-valur finanzjarju ta' l-investiment bil-prezzijiet tal-lum mingħajr il-kontribut tal-Fondi (l-*FNPV/C*) huwa negattiv mela l-proġett jista' jkun kofinanzjat; l-għotja mill-UE m'għandhiex teċċedi l-ammont ta' flus li bih il-proġett la jkollu telf u lanqas profitt, sabiex ma jkun hemm l-ebda finanzjament żejjed.

Bażikament, l-Istati Membri huma meħtieġa jissottomettu *CBA* għall-proġetti ewlenin lis-servizzi tal-Kummissjoni biex jagħtu prova li, fil-qafas ta' l-għanijiet tal-politika reġjonali ta' l-UE, il-proġett hu kemm mixtieq mil-lat ekonomiku (ENPV>0) kif ukoll jeħtieġ il-kontribuzzjoni tal-Fondi sabiex ikun finanzjarjament vijabbli (FNPV/C<0).

## 2.2 Elementi li jridu jiddaħħlu fl-analiżi ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji

Il-"Gwida għall-analiżi ta' l-ispejjeż-benefiċċji ta' proġetti ta' investiment" tal-Kummissjoni Ewropea għandha titqies bħala r-referenza ewlenija u tista' tagħti lill-qarrej ħarsa fil-fond dwar is-suġġett. L-għan ta' din it-taqsima hu li jagħti dehra ġenerali fil-qosor ta' l-elementi ewlenin li għandhom jiddaħħlu fir-rapporti tas-*CBA* li jridu jitressqu lill-Kummissjoni.

### 2.2.1 Tifsir ta' l-għanijiet, identifikazzjoni tal-proġett u r-riżultati ta' l-istudji ta' vijabbiltà

Meta jinqala' u jiġi identifikat il-bżonn, l-għanijiet ta' l-azzjoni meħtieġa biex jilħqu l-bżonn għandhom jiġu mfissra l-ewwel. Imbagħad għandhom jiġu kkunsidrati u evalwati għażliet differenti sabiex jiġi determinat liema alternattiva tista' tikkontribwixxi l-aktar sabiex jintlaħqu l-għanijiet. Proġett jista' jitfisser bħala operazzjoni magħmula minn sensiela ta' xogħlijiet, attivitajiet jew servizzi maħsuba fihom infushom biex itemmu biċċa xogħol indiviżibbli ta' natura preċiża ekonomika jew teknika, li għandha għanijiet identifikati b'mod ċar. Il-proġett jeħtieġ imbagħad li jiġi identifikat b'mod ċar bħala *unità ta' analiżi suffiċjenti fiha nnifisha.* Dan jitlob li f'xi każijiet ċerti sotto-proġetti jitqiesu bħala proġett wieħed kbir għall-fini tas-*CBA*, speċjalment meta fażi ta' kostruzzjoni partikolari li għaliha tkun meħtieġa l-għajnuna tal-Fondi ma tistax titqies li tista' taħdem waħedha. Jekk ikun il-każ, l-effetti relatati jistgħu jiddaħħlu fl-analiżi.

Għandha tingħata evidenza li l-proġett magħżul huwa l-aktar alternattiva adattata fost l-għażliet meqjusa. Din l-informazzjoni għandha normalment tinstab fir-riżultati ta' l-istudji dwar il-vijabbiltà li jridu jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni skond l-Art. 40 ċ).

Barra minn hekk, fil-kuntest tal-politika reġjonali ta' l-UE, trid tintwera l-koerenza tal-proġett ma' l-għanijiet tal-programm ta' ħidma/assi ta' prijorità.

Proġett jiġi definit bħala "**proġett ewlieni**" meta l-*ispejjeż totali* tiegħu jaqbżu (Art. 39):

- €25 miljun fil-każ ta' l-ambjent;
- €50 miljun f'oqsma oħra.

### 2.2.2 Analiżi finanzjarja

L-għan ewlieni ta' l-analiżi finanzjarja hu li jiġu kkalkulati l-indikaturi ta' ħidma finanzjarja tal-proġett. Dan isir normalment mil-lat ta' sid l-infrastruttura. Iżda, meta s-sid u l-operatur ma jkunux l-istess entità, għandha titqies analiżi finanzjarja konsolidata.

Il-metodoloġija li trid tintuża hija analiżi tal-flus iġġenerati wara li jitneħħew l-ispejjeż (*DCF*). Il-metodu tad-*DCF* għandu żewġ karatteristiċi ewlenin:

1. L-*ammonti ta' flus likwidi* biss huma kkunsidrati, jiġifieri l-ammont proprju ta' flus li tħallas jew li daħal mill-proġett. Għalhekk, ngħidu aħna, oġġetti li m'għandhomx valur finanzjarju bħal **tnaqqis fil-valur u riżervi ta' kontinġenza ma jistgħux jiddaħħlu fl-analiżi tad-*DCF*.** Iżda, jekk il-proġett propost hu appoġġjat minn analiżi dettaljata tar-riskju, il-kontinġenzi jistgħu jiddaħħlu fl-*ispejjeż eliġibbli,* mingħajr ma jaqbżu 10% ta' l-ispiża totali ta' l-investiment wara li jitneħħew il-kontinġenzi. Minkejja dan, il-kontinġenzi m'għandhom qatt jiddaħħlu fl-ispejjeż meqjusa biex ikun magħruf liema nuqqas għandu jiġi ffinanzjat, għaliex mhumiex ammonti ta' flus likwidi.

   L-ammonti ta' flus likwidi jridu jitqiesu fis-sena li fiha jidhru u fuq **perjodu ta' referenza** partikolari (ara l-kaxxa t'hawn taħt). Meta l-perjodu taż-żmien meta l-proġett qed irendi jeċċedi l-perjodu ta' referenza kkunsidrat, għandu jitqies ukoll **valur residwu**. Idealment, dan għandu jiġi kkalkulat bħala il-valur attwali ta' l-ammonti netti ta' flus likwidi mistennija matul is-snin taż-żmien ekonomiku li jeċċedu l-perjodu ta' referenza.

**IL-PERJODU TA' REFERENZA**

Il-perjodu ta' referenza huwa n-numru ta' snin li għalih il-previżjonijiet huma provduti fl-analiżi ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji. Il-previżjonijiet dwar ix-xejra futura tal-proġett għandhom jiġu msawra għal perjodu li jaqbel maż-żmien meta l-proġett ikun qed irendi u twiel biżżejjed biex jinkludu l-impatti li jista' jkollu fit-tul. Iż-żmien li jibqa' jrendi jvarja skond in-natura ta' l-investiment. Iż-żmien ta' referenza allokat skond is-settur ibbażat fuq prassi aċċettata b'mod internazzjonali u rakkomandat mill-Kummissjoni jidher hawn taħt:

| Settur | Iż-żmien ta' referenza allokat | Settur | Iż-żmien ta' referenza allokat |
|---|---|---|---|
| L-Enerġija | 15-25 | Toroq | 25-30 |
| L-Ilma u l-ambjent | 30 | Industrija | 10 |
| Il-Ferroviji | 30 | Servizzi oħra | 15 |
| Il-Portijiet u l-ajruporti | 25 | | |

2. Meta jinġabru flimkien (jiġifieri billi jingħaddu jew jitnaqqsu) l-ammonti ta' flus likwidi li saru fi snin differenti, irid jitqies il-valur tal-flus matul iż-żmien. Għalhekk, il-flus likwidi fil-futur jiġu msarrfa fil-prezz attwali permezz ta' fattur li jnaqqas il-valur tal-flus sena b'sena li d-daqs tiegħu hu determinat mill-għażla ta' rata ta' skont li trid tintuża' fl-analiżi tad-*DCF* (ara l-kaxxa t'hawn taħt).

Kif imsemmi hawn fuq, is-*CBA* ssir billi jiġi applikat il-**metodu inkrimentali:** il-proġett hu evalwat abbażi tad-differenzi fl-ispejjeż u l-benefiċċji bejn ix-xenarju bil-proġett u xenarju alternattiv mingħajr il-proġett. Iżda, meta l-proġett jaqa' taħt infrastruttura li tiġġenera d-dħul li teżisti diġà, jista' jkun diffiċli jew impossibbli li jiġi applikat il-metodu inkrimentali. F'dak il-każ, il-Kummissjoni tissuġġerixxi li jintuża' l-**metodu ta' l-ispejjeż storiċi li jkun fadal** fl-analiżi finanzjarja:

- ix-xenarju mingħajr il-proġett hu dak mingħajr kull infrastruttura;

- ix-xenarju bil-proġett iqis, min-naħa, l-ispejjeż ta' l-investiment mhux biss ta' l-element il-ġdid ta' l-infrastruttura iżda anki ta' l-infrastruttura li diġà teżisti stmata *bil-valur residwu attwali tagħha* u, min-naħa l-oħra, id-dħul kollu iġġenerat mill-infrastruttura kollha wara l-proġett. L-ispejjeż għat-tħaddim u d-dħul meqjusa għall-infrastruttura kollha jridu jkunu dawk ta' xenarju ta' tħaddim effiċjenti.

Meta jkun ikun il-każ, il-valur residwu preżenti ta' l-infrastruttura eżistenti jista' jiġi kkalkulat bħala l-valur attwali tal-pagamenti biex jingħata dejn fuq self li għadu ma tħallasx.

L-analiżi finanzjarja li ssir bħala parti mis-*CBA* ta' proġett ewlieni li trid tingħata lill-Kummissjoni għandha timmira b'mod partikolari li:

- Tevalwa l-**ammont ta' profitt finanzjarju ta' l-investiment** u l-kapital (nazzjonali) personali
- Tiddetermina l-**kontribuzzjoni mill-Fondi** (massima) adattata
- Tiċċekkja jekk il-proġett hux **finanzjarjament sostenibbli**

**L-ammont ta' profitt finanzjarju ta' l-investiment** jista' jiġi evalwat billi jiġi stmat il-valur attwali finanzjarju mingħajr spejjeż u r-rata finanzjarja tad-dħul mill-investiment (*Financial Net Present Value - FNPV/C* u *Financial Rate of Return - FRR/C*). Dawn l-indikaturi juru l-kapaċità tad-dħul nett biex jitħallsu l-ispejjeż ta' l-investiment, minkejja l-mod kif dawn jiġu iffinanzjati. Biex proġett ikun jeħtieġ il-kontribuzzjoni tal-Fondi, l-*FNPV/C* għandu jkun negattiv u l-*FRR/C* għandu għalhekk ikun inqas mir-rata ta'' skont użata għall-analiżi[2].

Meta jkun qed jinħadem l-ammont ta' profitt finanzjarju tal-*kapital* (nazzjonali) personali (l-*FNPV/K,* l-*FRR/K*), ir-riżorsi finanzjarji – mingħajr l-għotja mill-UE – investiti fil-proġett jinħarġu bħala ħruġ minflok l-ispejjeż għall-investiment. Il-kontribuzzjonijiet tal-kapital għandhom jitqiesu meta attwalment jitħallsu għall-proġett jew jitħallsu lura (fil-każ ta' self).

| IR-RATA TA' SKONT |
|---|
| Ir-rata ta' skont li trid tintuża' fl-analiżi finanzjarja għandha tirrifletti *l-alternattiva ta' investiment tal-kapital* għall-investitur. Dan jista' jitqies bħala dħul mitluf fuq l-aħjar proġett alternattiv. |
| **Il-Kummissjoni tirrakkomanda li tintuża' rata ta' skont finanzjarja ta' 5% *f'termini reali* bħala punt ta' referenza indikattiv għall-proġetti ta' investiment pubbliċi ko-finanzjati mill-Fondi.** Ir-reviżjoni b'lura mqabbla mal-perjodu ta' ipprogrammar 2000-2006 tirrifletti l-kundizzjonijiet ekonomiċi tal-pajjiż li qed jinbidlu fl-UE. |
| Valuri li jvarjaw mill-punt ta' referenza ta' 5% jistgħu, iżda, ikunu ġustifikati abbażi ta':<br>- il-kundizzjonijiet speċifiċi ekonomiċi tal-pajjiż ta' l-Istat Membru;<br>- in-natura ta' l-investitur: per eżempju, ir-rata ta' skont tista' tkun ogħla għall-proġetti tal-*PPP*, fejn jekk jiddaħħlu l-fondi privati jista' jiżdied l-investiment alternattiv tal-kapital.<br>- is-settur konċernat (eż., it-trasport, l-ambjent, l-enerġija, eċċ.). |

[2] Dan, iżda, mhux meħtieġ għall-investiment produttiv li hu suġġett għar-regoli dwar l-għajnuna mill-istat.

Il-prezz proprju tal-kapital (meta tqis fatturi oħrajn) għal proġett partikolari għandu jitqies bħala l-limitu l-aktar baxx.

Hu importanti ħafna li tkun żgurata l-konsistenza fir-rati ta' skont użati għal proġetti simili fl-istess reġjun/pajjiż. Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jagħtu l-punt ta' referenza tagħhom għar-rata ta' skont fid-dokumenti ta' gwida tagħhom. Din ir-referenza mbagħad trid tiġi applikata b'mod konsistenti.

Ta' min jinnota li meta r-rata ta' skont tkun imfissra f'*termini reali*, l-analiżi għandha ssir skond dan *bi prezzijiet kostanti.* Jekk hemm bżonn, irid jitqies it-tibdil fil-prezzijiet relattivi. Jekk *il-prezzijiet preżenti* jintużaw minflok, imbagħad trid tintuża' rata ta' skont *nominali.*

**Il-kalkolu ta' l-għotja mill-UE** isir skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Art. 55. Id-dħul mill-proġett irid jitqies sew sabiex il-kontribuzzjoni tal-Fondi tkun aġġustata skond l-ammont globali tad-dħul gross li jiġi ġġenerat mill-proġett stess u ma jsir l-ebda finanzjament żejjed. Il-kalkolu ta' l-għotja mill-UE u l-metodu intenzjonat tagħha "li jiffinanzja fejn hemm nuqqas" hu trattat fit-taqsima 3.

**Is-sostenibbiltà finanzjarja** tal-proġett għandha tiġi evalwata billi jiġi ċċekkjat jekk l-ammont nett miġbur ta' flus iġġenerati (mingħajr skont) hux pożittiv fuq il-perjodu ta' referenza kollu kkunsidrat. L-ammont nett ta' flus iġġenerat li jrid jitqies għal dan il-għan għandu jqis l-ispejjeż ta' l-investiment, ir-riżorsi kollha finanzjarji (nazzjonali u ta' l-UE) u d-dħul nett. Il-valur residwu ma jitqiesx hawnhekk sakemm l-assi ma jkunux likwidatiattwalment fl-aħħar sena ta' l-analiżi meqjusa.

### 2.2.3 Analiżi ekonomika

Il-ħsieb wara l-evalwazzjoni ekonomika hu li l-investimenti fil-proġett għandhom jiġu valutati skond l-alternattivi ta' investiment li jġibu magħhom u l-produzzjoni fuq kemm il-konsumaturi lesti li jħallsu. Ta' min jinnota li l-alternattivi ta' investiment mhux neċessarjament jaqblu ma' l-ispejjeż finanzjarji osservati; bl-istess mod, kemm huma lesti li jħallsu mhux dejjem tidher b'mod korrett mill-prezzijiet tas-suq osservati, li jistgħu ma jirriflettux il-verità jew anki jkunu nieqsa. L-analiżi ekonomika ssir minn kif tidher mil-lat tas-soċjetà.

iIl-flus likwidi ta' l-analiżi finanzjarja jitqiesu bħala l-bidu ta' l-analiżi ekonomika. Meta jkunu qed jiġu kkalkulati l-indikaturi tar-rendiment ekonomiku, iridu jsiru xi aġġustamenti.

- ***Korrezzjonijiet fiskali:*** taxxi indiretti (eż. il-VAT), sussidji u pagamenti li jridu jsiru (eż. pagamenti tas-sigurtà soċjali) iridu jitnaqqsu. Iżda, il-prezzijiet għandhom jinkludu t-taxxi diretti. Barra minn hekk, jekk xi taxxi speċifiċi indiretti/sussidji huma maħsuba biex jikkoreġu fatturi esterni oħrajn, dawn għandhom jiġu inklużi.
- ***Korrezzjonijiet ta' fatturi esterni oħrajn*:** xi impatti jistgħu jkunu ġġenerati li jinfirxu mill-proġett għal aġenti ekonomiċi oħra mingħajr ebda kumpens. Dawn l-effetti jistgħu jkunu jew negattivi (triq ġdida żżid il-livelli ta' tniġġis) jew pożittivi (linja tal-ferrovija ġdida tnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku fuq triq oħra alternattiva li tinfed).

Peress li, skond it-tifsira, fatturi esterni oħrajn isiru mingħajr kumpens ta' flus, dawn ma jeżistux fl-analiżi finanzjarja u jridu mbagħad ikunu stmati u valutati[3].

- ***Mill-prezzijiet tas-suq għall-prezzijiet (li assumew) fl-accounting***: minbarra l-interventi fiskali u fatturi esterni oħrajn, hemm fatturi oħra li jistgħu jbiegħdu l-prezzijiet mill-ekwilibriju ta' suq kompetittiv (jiġifieri effiċjenti): sistemi ta' monopolju, ostakli għall-kummerċ, regolamenti dwar ix-xogħol, informazzjoni mhux sħiħa, eċċ. F'dawk il-każijiet kollha, il-prezzijiet tas-suq osservati (jiġifieri finanzjarji) jiżgwidawk; minflok iridu jintużaw il-prezzijiet (li assumew) fl-*accounting* , li jirriflettu l-alternattiva ta' l-investiment u kemm lesti jħallsu l-konsumaturi għall-prodotti. Il-prezzijiet ta' l-*accounting* jinħadmu billi jiġu applikati l-*fatturi ta' konverżjoni* fuq il-prezzijiet finanzjarji.

**IX-"SHADOW WAGE" (STIMA TAL-PREZZ EKONOMIKU TAX-XOGĦOL)**

It-tgħawwiġ tas-suq tax-xogħol (pagi minimi, benefiċċji għal min hu qiegħed, eċċ.) normalment iwassal għal paga finanzjarja ogħla mill-prezz opportunistiku tax-xogħol. Għandha titqies **shadow wage** xierqa. Din tista' tiġi kkalkulata bħala l-medja kkompensata ta':

- *ix-shadow wage għas-swieq tax-xogħol kompetittivi:* għal ħaddiema tas-sengħa u ħaddiema bla sengħa "li sfaw bla xogħol" (jiġifieri, ħaddiema bla sengħa li qabel kienu impjegati f'attivita simili). Din tista' titqies ugwali għall-paga finanzjarja;
- *ix-shadow wagegħas-swieq tax-xogħol li għandhom qagħad involontarju:* għal ħaddiema bla sengħa li tressqu lejn il-proġett minħabba li kienu qiegħda. Din tista' titqies ekwivalenti għall-valur medju fi flus tal-ħin liberu mingħajr il-benefiċċji għal qgħad;
- *ix-shadow wage għas-swieq tax-xogħol b'attivitajiet informali:* għall-ħaddiema bla sengħa li tressqu lejn il-proġett permezz ta' attivitajiet informali. Din għandha tirrifletti l-valur tal-produzzjoni mitluf..

Il-kompensazzjoni użata fil-medja għandha tirrifletti l-proporzjon ta' xogħol li x'aktarx toħroġ minn kull każ. Il-ħlasijiet tas-sigurtà soċjali mbagħad għandhom jitnaqqsu.

Fejn m'hemmx informazzjoni dettaljata bl-istatistika dwar is-suq tax-xogħol lokali ta' min juża' r-rata ta' qgħad reġjonali bħala bażi biex tiġi determinata x-shadow wage. Per eżempju, tista' tintuża' l-formula sempliċi li ġejja taħt kondizzjonijiet ta' qgħad għoli involontarju:

$$SW = FW*(1-u)*(1-t)$$

fejn $SW$ hija x-shadow wage
$FW$ hija l-paga finanzjarja (tas-suq)
$u$ hija r-rata reġjonali ta' qgħad
$t$ hija r-rata tal-ħlasijiet tas-sigurtà soċjali u tat-taxxi rilevanti

La darba l-faxxa ta' spejjeż u benefiċċji ekonomiċi tkun stmata, tiġi applikata l-metodoloġija standard tad-*DCF*, iżda għandha tintuża' ***rata ta' skont soċjali***.

[3] Biex jiġu stmati fatturi esterni oħrajn ambjentali, jistgħu jintużaw metodoloġiji differenti (eż. prezz edoniku, spejjeż ta' l-ivvjaġġar, valutazzjoni kontinġenti, eċċ.). Hemm referenza utli għas-*CBA* ambjentali fi Pearce et al. (2005).

Fuq bażi ta' tkabbir ekonomiku fit-tul u rati purament ta' preferenza ta'żmien, il-Kummissjoni tipproponi **l-kriterji ta' referenza indikattivi** li ġejjin **għar-rata ta' skont soċjali: 5,5% għall-pajjiżi ta' Koeżjoni u 3,5% għall-oħrajn.** L-Istati Membri jistgħu jiġġustifikaw valuri differenti li jirriflettu kundizzjonijiet soċjo-ekonomiċi speċifiċi. Per eżempju, il-Commissariat Général du Plan, France, riċentement naqqas ir-referenza tiegħu għal 4%, filwaqt li t-Teżor tar-Renju Unit japplika b'mod konsistenti rata ta' skont ta' 3,5% għall-investimenti fis-settur pubbliku. La darba rata ta' skont soċjali tiġi iffissata bħala kriterju ta' referenza, hi trid tiġi applikata b'mod konsistenti fuq il-proġetti kollha.

L-indikaturi ta' rendiment ekonomiku li ġejjin jistgħu jiġu determinati għall-proġett:

- Il-valur nett ekonomiku preżenti (l-*ENPV*): għandu jkun akbar minn żero biex il-proġett ikun mixtieq mil-lat ekonomiku.
- Ir-rata ta' dħul ekonomika (l-*ERR*): għandha tkun akbar mir-rata ta' skont soċjali.
- Il-proporzjon Benefiċċji/Spejjeż (*B/C*): għandu jkun akbar minn numru wieħed.

L-*ERR* u l-proporzjon *B/C* jagħtu informazzjoni interessanti minħabba li ma jiddependux fuq id-daqs tal-proġett. Iżda, dawn l-indikaturi jista' jkollhom xi żvantaġġi biex jiġu kkalkulati[4]. L-*ENPV* hu aktar affidabbli u għandu jintuża bħala l-indikatur ewlieni ta' referenza fl-evalwazzjoni tal-proġett.

**Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jipprovdu kriterji ta' referenza fid-dokumenti ta' gwida tagħhom għall-fatturi ta' konverżjoni u għar-rata ta' skont soċjali li jridu jintużaw fl-analiżi ekonomika. Dawn ir-referenzi jridu jiġu applikati b'mod konsistenti fil-proġetti kollha.** Għandha tingħata attenzjoni partikolari meta tiġi determinata x-*shadow wage*: idealment, jistgħu jintużaw fatturi ta' konverżjoni differenti għar-reġjuni u s-setturi differenti, li jirriflettu xi varjazzjonijiet li jista' jkun hemm fis-suq tax-xogħol rilevanti (eż. rati ta' qgħad differenti).

Mhux l-impatti kollha soċjo-ekonomiċi jistgħu dejjem jiġu kwantifikati u valutati. Hu għalhekk li, minbarra l-estimi ta' l-indikaturi ta' rendiment, iridu jitqiesu l-ispejjeż u l-benefiċċji li m'għandhomx valur fi flus marbut magħhom, speċjalment fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet li ġejjin: impatt (nett) fuq ix-xogħol, il-ħarsien ambjentali, l-ugwaljanza soċjali, u opportunitajiet indaqs.

### 2.2.4 Is-sensittività u l-analiżi tar-riskju

Kif provdut fl-Art. 40 (e), "l-analiżi tar-riskju" għandha tkun inkluża fis-*CBA*. Kif imsemmi hawn fuq, dan hu meħtieġ biex tittratta l-inċertezza li jkun hemm fi proġetti ta' investiment. Għandhom jittieħdu żewġ passi ewlenin:

1. ***Analiżi tas-sensittività:*** timmira biex tidentifika *l-fatturi kritiċi li jvarjaw* tal-proġett. Dan isir billi l-partijiet varjabbli tal-proġett jitħallew ivarjaw skond persentaġġ ta' bidla partikolari u jiġu osservati l-varjazzjonijiet sussegwenti kemm fl-indikaturi ta' rendiment finanzjarju kif ukoll dawk ekonomiċi. Il-partijiet li jvarjaw għandhom jiġu varjati wieħed wieħed, filwaqt li l-parametri l-oħra jinżammu kostanti. Il-Gwida

[4] Skond il-profil ta' flus likwidi, f'xi każijiet partikolari r-rata interna ta' dħul tista' tkun multipla jew mhux definita. Rigward il-proporzjon *B/C*, il-valur tiegħu jista' per eżempju jiddependi fuq jekk oġġett partikolari hux meqjus bħala benefiċċju jew tnaqqis fl-ispejjeż.

tkompli tissuġġerixxi li wieħed iqis "kritiċi" dawk il-partijiet varjabbli fejn varjazzjoni ta' 1% (pożittiva jew negattiva) tagħti lok għal varjazzjoni korrispondenti ta' 5% fil-valur bażi ta' l-*NPV.* Iżda, jistgħu jiġu adottati kriterji differenti.

Bidliet fil-persentaġġi magħżula b'mod arbitrarju mhux bilfors huma konsistenti mal-varjabbiltà li jistgħu jkollhom il-partijiet varjabbli. Il-kalkolu tas-*switching values jista' jagħti* informazzjoni interessanti, billi jindika x'persentaġġ ta' bidla fil-fatturi li jvarjaw l-*NPV* (ekonomika jew finanzjarja) ikun ugwali għal żero.

2. ***Analiżi tar-riskju****:* l-evalwazzjoni ta' l-impatt ta' ċerti bidliet fil-persentaġġi partikolari f'fattur li jvarja fuq l-indikaturi tar-rendiment tal-proġett ma tindika xejn dwar il-probabbiltà li biha din il-bidla tista' sseħħ. L-analiżi tar-riskju tittratta dan. Billi l-fatturi kritiċi li jvarjaw jiġu assenjati tqassim ta' probabbiltà adattat, it-tqassim tal-probabbiltà għall-indikaturi tar-rendiment finanzjarju u ekonomiku jista' jiġi stmat. Dan jgħin lill-analista jagħti statistika interessanti dwar l-indikaturi tar-rendiment tal-proġett: valuri mistennija, devjazzjoni standard, koeffiċjent ta' varjazzjoni, eċċ.

   Ta' min jinnota li filwaqt li dejjem possibbli ssir analiżi dwar is-sensittività, ma jistax jingħad l-istess fil-każ ta' l-analiżi tar-riskju. F'xi każijiet (eż. nuqqas ta' *data* storika dwar proġetti simili) jista' jkun ftit diffiċli biex wieħed ikun jista' jagħmel suppożizzjonijiet b'mod li jagħmel sens dwar id-distribuzzjonijiet tal-probabilità tal-fatturi kritiċi li jvarjaw. F'dawk il-każijiet, għandha ssir evalwazzjoni kwalitattiva tar-riskju talanqas biex tappoġġja r-riżultati ta' l-analiżi tas-sensittività.

# 3. Determinazzjoni ta' l-għotja mill-UE

## 3.1 Qafas regolatorju

L-Artikolu 55 (2) ma jibdilx il-metodu li jiffinanzja fejn hemm nuqqas bħala l-bażi biex tiġi kkalkulata l-għotja mill-UE fi proġetti li jiġġeneraw dħul u jistipula li *n-nefqa eliġibbli* ma tistax teċċedi l-valur preżenti ta' l-ispiża ta' l-investiment, tneħħi l-valur preżenti tad-dħul nett mill-investiment fuq perjodu ta' referenza speċifiku adattat għall-kategorija ta' investiment konċernat.

Iżda, b'kuntrast mal-perjodu 2000-2006, in-nefqa eliġibbli u mhux r-rata ta' ko-finanzjament hi aġġustata sabiex torbot il-kontribut mill-Fondi mad-dħul ġenerat mill-proġett.

Ta' min jinnota li l-Artikolu 55 japplika għall-proġetti kollha u mhux biss għall-proġetti ewlenin. Iżda, "l-Istati Membri jistgħu jadottaw proċeduri proporzjonali ma' l-ammonti konċernati biex jimmonitorjaw id-dħul ġenerat minn operazzjonijiet li l-ispiża totali tagħhom hi inqas minn € 200.000" – Art. 55(5).

## 3.2 Ambitu

L-Art. 55 japplika għall-operazzjonijiet ta' investiment li jiġġeneraw dħul nett permezz ta' drittijiet *imħallsa direttament minn min jużahom.* Dan ma japplikax fil-każijiet li ġejjin:

- Proġetti li ma jiġġenerawx dħul (eż., toroq mingħajr ħlas)
- Proġetti li d-dħul tagħhom ma jkoprix għal kollox l-ispejjeż tat-tħaddim (eż., xi linji tal-ferroviji)

- Proġetti suġġetti għar-regoli ta' l-għajnuna mill-istat – Art. 55(6).

Bħala regola ġenerali, għall-proġetti kollha li jistgħu jkunu suġġetti għas-*CBA* wieħed għandu jkollu l-possibbiltà li jagħmel stima tad-dħul mistenni, jekk ikun hemm, skond l-Artikolu 55(2). Meta l-istima tad-dħul futur tkun diffiċli, għandha tingħata attenzjoni partikolari għas-sensittività u l-analiżi tar-riskju.

## 3.3 Il-ħsieb wara l-metodu li jiffinanzja d-deficit

Il-kalkolu tal-livell ta' assistenza mill-Komunità hu bbażat fuq ir-rata ta' defiċit tal-proġett, jiġifieri l-ammont ta' l-ispejjeż imnaqqsa ta' l-investiment inizjali li mhux kopert bid-dħul wara li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-proġett.

L-identifikazzjoni tan-nefqa eliġibbli skond l-Art. 55(2) tiżgura li l-proġett għandu biżżejjed riżorsi finanzjarji biex jiġi implimentat u jevita l-għoti ta' żvantaġġ mhux ġust lil min jirċievi l-għajnuna, jiġifieri finanzjament żejjed tal-proġett.

Il-kaxxa t'hawn taħt turi l-passi li wieħed irid isegwi biex jikkalkola l-għotja mill-UE skond l-Art. 55.

**PASSI BIEX TIĠI KKALKOLATA L-GĦOTJA MILL-UE**
**PERJODU TA' IPPROGRAMMAR 2007-2013**

L-1 Pass. <u>Ikkalkola r-rata ta' defiċit tal-finanzjament (R)</u>:

**R = Max EE/DIC**

fejn

Max EE *(Maximum eligible expenditure)* hija *n-nefqa massima eliġibbli* = DIC-DNR (Art. 55.2)

DIC (*discounted investment cost*) hija *l-ispiża mnaqqsa fuq l-investiment*

DNR *(discounted net revenue)* hija *d-dħul nett imnaqqas* = dħul imnaqqas – spejjeż ta' tħaddim imnaqqsa + valur residwu imnaqqas

It-2 Pass. <u>Sib l-"ammont tad-deċiżjoni" (DA *Decision Amount*)</u>, jiġifieri "l-ammont li għalih tapplika r-rata ta' ko-finanzjament għall-assi ta' prijorità" (Art. 41.2):

**DA = EC*R**

fejn

EC (*eligible cost)* hija l-ispiża eliġibbli.

It-3 Pass. <u>Sib l-għotja (massima) mill-UE</u>:

**Għotja mill-UE = DA*Max CRpa**

fejn

Il-Max CRpa hija r-rata massima ta' kofinanzjament stabbilita għall-assi ta' prijorità fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tadotta l-programm ta' ħidma (Art. 53.6).

# 4. KWISTJONIJIET SPEĊIFIĊI

## 4.1 Ammont ta' profitt li normalment hu mistenni

L-ammont ta' profitt jirreferi għall-ammont ta' profitt miksubmeta mqabbel ma' l-ammont investit. L-iktar mod faċli kif jiġi evalwat l-ammont ta' profitt hu billi wieħed ikejjel ir-rata interna ta' kemm irendi l-investiment, jiġifieri r-rata ta' skont li biha l-rendikont imnaqqas ta' l-ispejjeż u d-dħul tal-proġett jammontaw għal żero. Fi kliem ieħor, ir-rata interna ta' kemm irendi hija r-rata ta' skont li biha għadd ta' spejjeż u dħul għandhom valur attwali tal-flus futuri ġġenerati (l-*NPV*) ta' żero.

L-ammont ta' profitt minn investiment li hu normalment mistenni hu dak li jagħti biżżejjed dħul biex ikopri eżatt l-alternattivi ta' l-investiment (l-aħjar dħul alternattiv li jista' jagħmel l-investitur permezz tax-xogħol, tat-tmexxija u l-ishma tal-kapital).

L-ammont ta' profitt mistenni jista' jiddependi strettament mir-riskji tal-proġett. Ir-riskju mbagħad jiddependi fuq numru ta' fatturi bħal: il-kuntest soċjo-ekonomiku tal-pajjiż/reġjun li fih jiġi implimentat il-proġett, id-diffikultajiet biex jiġi implimentat il-proġett, kemm iservi ekonomikament il-proġett, ir-riskju tal-kambju tal-munita u, fuq kollox, ir-riskju marbut mad-dħul previst. Dawn għandhom jiġu trattati kif imiss fl-analiżi tas-sensittività u r-riskju.

Art. 55 jagħti lok biex jiġu ddisinjati l-interventi tal-Fondi b'tali mod li l-ammont ta' profitt mistenni normalment jitqies sew u ma jsir l-ebda finanzjament żejjed. Dan l-aspett hu rilevanti partikolarment meta msieħeb privat jkun involut fil-proġett. F'dan il-każ, il-kontribut mill-Fondi għandu jiġi determinat bi prudenza sabiex l-investitur privat ma jagħmel l-ebda profitt mhux mistħoqq.

| AMMONT TA' PROFITT NORMALMENT MISTENNI | | | |
|---|---|---|---|
| **Skema ta' finanzjament** / **Ammont ta' profitt mistenni*** | **L-aktar self (+ għotjiet baxxi)** | **Self + Għotjiet** | **Għotjiet pubbliċi** |
| **Mezzan - għoli** | – Ajruporti<br>– Enerġija<br>– Turiżmu<br>– Telekom/*ICT*<br>– Bini industrijali u parks għan-negozju<br>– Investimenti produttivi | | |
| **Mezzan** | | – Skart solidu<br>– Portijiet | |
| **Mezzan - baxx** | | – Toroq li tħallas taxxa biex | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | tużahom<br>– Trasport pubbliku<br>– Impjanti li jfornu l-ilma u li jittrattaw id-drenaġġ | |
| **Baxx** | | | – Linji tal-ferrovija<br>– Saħħa<br>– Edukazzjoni<br>– Riċerka, innovazzjoni u trasferiment tat-teknoloġija |
| **Xejn** | | | – Toroq mingħajr ħlas<br>– Prevenzjoni mill-għargħar |

* *Sors: DG Regio*

Ta' min jinnota li t-tabella hi bbażata fuq ir-rata ta' dħul finanzjarju fuq l-*investiment* (l-*FRR/C*) li tista' tvarja b'mod konsiderevoli mal-pajjiż u mhux neċessarjament tirrifletti l-ammont ta' profitt mistenni mill-investitur(i). Dan għandu jiġi ċċekkjat każ każ minn dak li qed jippromwovi l-proġett, speċjalment meta jkun involut investitur privat, billi tiġi stmata r-rata finanzjarja rilevanti ta' dħul fuq il-*kapital* (l-*FRR/K*).

## 4.2 Il-Prinċipju ta' Min Iħammeġ irid Iħallas

Il-Prinċipju ta' Min Iħammeġ irid Iħallas huwa wieħed mill-prinċipji tal-politika ambjentali tal-Komunità (Art. 174 Trattat tal-KE) u japplika fit-territorju Ewropew kollu. Jeżistu dispożizzjonijiet leġiżlattivi speċifiċi tal-Komunità dwar l-iskart. Skond id-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart, b'konformità mal-prinċipju ta' min iħammeġ irid iħallas, l-ispiża biex wieħed jiddisponi mill-iskart trid tintrefa' minn min għandu l-iskart li jgħaddih lill-kollettur jew lill-kumpanija, u/jew min kellu l-iskart qabel jew il-produttur li mingħandu ġie l-iskart (Art.15).

Skond id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (2000/60/KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, "l-Istati Membri għandhom iqisu l-prinċipju ta' irkuprar ta' l-ispejjeż tas-servizzi ta' l-ilma, inkluż l-ispejjeż ambjenti u tar-riżorsi, bi qbil b'mod partikolari mal-prinċipju li min iħammeġ irid iħallas" (Art. 9).

**Il-Kummissjoni timmira biex tinkoraġġixxi sistemi li jiċċarġjaw fejn l-ispejjeż ambjentali tat-tniġġis u l-miżuri preventivi jintrefgħu minn min iniġġes.** Dawn is-sistemi li jiċċarġjaw għandhom ikunu proporzjonali ma' l-ispejjeż ta' produzzjoni soċjali marġinali, inkluż l-ispejjeż għall-ambjent u dawk marbuta man-nuqqas ta' riżorsi fil-każ ta' l-ilma, jew ikkalkulati b'tali mod li jinfluwenzaw l-għażla ta' l-użu tal-modi ta' tħaddim differenti. Għalhekk per eżempju, għall-infrastruttura tat-trasport, il-ħlas għandu jkopri mhux biss l-ispejjeż ta' l-infrastruttura, iżda l-ispejjeż esterni, jiġifieri l-ispejjeż marbuta ma' inċidenti, tniġġis ta' l-arja, ħsejjes u konġestjoni.

Ta' min jinnota li l-metodu li jiffinanzja fejn hemm nuqqas għandu effetti li ma jagħtix inċentiv biex jiġi applikat il-prinċipju li min iħammeġ iħallas għaliex tariffi ogħla jwasslu għal kontribut inqas mill-Fondi, jekk kollox jibqa' l-istess. Iżda, l-awtoritajiet li jmexxu għandhom iżommu f'moħħhom li sistema adattata li tiċċarġja mhux biss hi ta' valur mil-

lat ekonomiku iżda wkoll mixtieqa għas-sostenibbiltà finanzjarja tal-ħidmiet fit-tul (ara wkoll il-paragrafu 4.3 dwar il-kwistjonijiet ta' kemm wieħed jiflaħ iħallas).

## 4.3 Ekwità (kemm wieħed jiflaħ iħallas)

Fil-kuntest ta' l-Art. 55, "il-konsiderazzjonijiet ta' ekwità marbuta mal-prosperità relattiva ta' l-Istat Membru" għandhom jitqiesu li qed jirreferu għal kemm wieħed jiflaħ għat-tariffi. L-Art. 55 jirreferi b'mod impliċitu għal varjazzjonijiet li jista' jkun hemm fl-għajnuna li tagħti l-Komunità (billi tiġi determinata n-nefqa eliġibbli), skond ir-rikezza relattiva tal-pajjiż jew reġjun konċernat, jiġifieri kemm jifilħu jħallsu dawk li jużaw. Għal proġett partikolari, inqas ma jkunu t-tariffi iktar tkun għolja l-għotja mill-UE, jekk kollox jibqa' l-istess (*ceteris paribus*). Għalhekk, jekk wieħed jassumi li t-tariffi huma ssettjati biex iqisu l-livelli ta' dħul reġjonali (nazzjonali), inqas ma jkun id-dħul reġjonali (nazzjonali) aktar tkun għolja l-kontribuzzjoni mill-fondi.

Sabiex titjieb l-effiċjenza allokattiva, il-Kummissjoni tixtieq tħajjar li jiġu żviluppati sistemi li jiċċarġjaw li jirriflettu kemm tiswa l-produzzjoni marġinali soċjali. Iżda, meta jitqies kemm wieħed jiflaħ għat-tariffi, l-Istati Membri jistgħu jżidu b'mod artifiċjali l-livell ta' ħlasijiet bil-għan li jevitaw piż sporporzjonat ta' finanzjament għal min juża', b'hekk jassiguraw li s-servizz jew il-prodott jifilħu għalih anki l-aktar gruppi żvantaġġjati.

> Idealment, is-sistema li tiċċarġja għandha tkun ibbażata fuq il-konsum veru tar-riżorsi, u t-tariffi għandhom talanqas ikopru l-ispejjeż tat-tħaddim u tal-manutenzjoni kif ukoll bħala parti sinifikanti mill-waqgħa fil-valur ta' l-assi. Għandha tkun maħsuba struttura ta' tariffi adegwata li tipprova tkabbar kemm tista' d-dħul mill-proġett qabel is-sussidji pubbliċi, filwaqt li tqis kemm jifilħu għalihom. Per eżempju, proporzjon ta' kemm jifilħu jħallsu li hu aċċettat ħafna għall-fornitura ta' l-ilma u għas-sanità huwa ta' 4%.
>
> Il-Kummissjoni tħajjar lill-Istati Membri biex jagħtu informazzjoni fid-dokumenti ta' gwida tagħhom dwar il-proporzjonijiet ta' kemm wieħed jiflaħ iħallas (għall-grupp bi dħul medju u/jew baxx) li jista' jitqies bħala punt ta' referenza għall-proġetti li se jiġu sottomessi għall-kofinanzjament.

L-awtoritajiet li jmexxu għandhom ikun konxji ta' l-alternattivi li jeżistu bejn is-sostenibbiltà finanzjarja fit-tul tal-ħidmiet u l-livell tat-tariffa li fih dawk li jużaw ikunu iċċarġjati għal prodott jew servizz, billi wieħed iqis il-kriterji ta' kemm jifilħu jħallsu.

L-Anness II jagħti xi kriterji ta' referenza għas-settur (utilità) ta' kemm jifilħu jħallsu fil-preżent għall-Istati Membri ta' Koeżjoni fl-Ewropa tal-Lvant Ċentrali

## 4.4 Sħubija bejn il-Gvern u l-Privat (*PPP*)

Jeżistu arranġamenti dwar sħubija bejn il-gvern u l-privat (*PPP*) f'diversi forom u huma xorta kunċett li għadu qed jevolvi li jrid ikun adottat skond il-bżonnijiet u l-karatteristiċi individwali ta' kull proġett u ta' l-imsieħba tal-proġett. Il-*PPP* jista' jkun metodu adattat biex jiġi iffinanzjat l-investiment fejn hemm skop biżżejjed biex is-settur privat jiġi involut, sabiex jagħti kapital addizzjonali u servizz aktar effiċjenti. Imbagħad għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-istruttura legali tal-*PPP*, għaliex dan jista' jaffettwa sa ċertu livell l-eliġibbiltà tan-nefqa li tista' tkun ko-finanzjata.

L-arranġamenti tal-*PPP* jidhru attraenti biżżejjed għall-Istati Membri l-ġodda meta wieħed iqis ir-rekwiżiti ta' finanzjament enormi, in-nuqqas ta' finanzjament kbir, il-bżonn ta' servizzi pubbliċi effiċjenti, l-istabbilità tas-suq li qed tikber, u xejriet li qed joħolqu ambjent favorevoli għall-investiment privat.

Fil-kuntest tas-*CBA*, wieħed irid iżomm f'moħħu l-aspetti li ġejjin meta ssir l-analiżi finanzjarja:

- Ir-**rata ta' skont finanzjarju tista' tiżdied** sabiex tirrifletti prezz ogħla ta' opportunità ta'kapital għall-investitur privat. Dan għandu jkun ġustifikat minn min qed jippromwovi l-proġett każ każ, billi jagħti provi, fejn hemm, ta' kemm rendewlu proġetti simili lill-investitur privat fl-imgħoddi.
- Taħt diversi tipi ta' skemi tal-*PPP* (eż., il-*BOT*, id-*DBFO*) sid l-infrastruttura (normalment l-imsieħeb pubbliku) hu differenti mill-operatur (l-imsieħeb privat). L-analiżi finanzjarja hi normalment użata mil-lat ta' sid l-infrastruttura. Iżda, f'dawk il-każijiet, **għandha tintuża' analiżi konsolidata (sid u operatur) biex jiġi determinat il-finanzjament meħtieġ fejn hemm nuqqas.**

Skond l-Artikolu 55(1), id-dħul li jrid jitqies biex tiġi kkalkulata n-nefqa eliġibbli u sussegwentement il-finanzjament fejn hemm nuqqas fil-proġett huwa dak li jitħallas direttament minn min juża' permezz ta' ħlasijiet.

Per eżempju, skond mudell ta' "ħlas ta' taxxi *shadow*fit-triq", min jużaha ma jħallas xejn. Minflok, il-parti governattiva (is-sid) tħallas "taxxi" lill-imsieħeb privat (l-operatur) għal perjodu ta' konċessjoni partikolari. Bl-użu ta' analiżi finanzjarja konsolidata biex ikun magħruf il-finanzjament meħtieġ fejn hemm nuqqas ikun żgurat li "t-taxxi" ma jitqisux f'dan il-każ, konsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 55(1). Tabilħaqq, għall-operatur id-dħul jikkorrispondi ma' l-ispejjeż li jeħel is-sid, sabiex fl-analiżi konsolidata t-tnejn imewtu lil xulxin u ma jaffettwawx il-likwidità tal-proġett wara li jinqatgħu l-ispejjeż.

## 5. KUMMENTI KONKLUŻIVI

L-Istati Membri huma responsabbli biex japplikaw id-dispożizzjonijiet stipulati fir-regolamenti fir-rigward ta' l-analiżi dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji u l-proġetti li jiġġeneraw dħul. Għall-proġetti ewlenin ta' l-*ERDF* u tal-Fond ta' Koeżjoni, il-Kummissjoni tieħu d-deċiżjoni u fiha tistabbilixxi l-kontribut mill-fondi fid-dawl ta' l-informazzjoni li hemm fl-applikazzjoni u evalwazzjonijiet oħra jekk hemm bżonn.

Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fi Stat Membru, hu propost li l-Istati Membri jiżviluppaw il-qafas ta' gwida tagħhom billi jqisu l-ambjenti istituzzjonali speċifiċi, speċjalment għas-setturi tat-trasport u l-ambjent. Il-Kummissjoni se tibqa' tgħin lill-Istati Membri fil-ħidma tagħhom, bl-għajnuna ta' *JASPERS*, sabiex tiżgura li tiġi applikata sew il-gwida ta' l-UE għal kuntesti nazzjonali.

Dan l-approċċ se jġib benefiċċji sostanzjali fejn tidħol is-simplifikazzjoni kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-Istati Membri, u b'hekk jikkontribwixxi biex jitħaffu l-proċeduri ta' deċiżjoni fuq proġetti kbar. Se jkollu wkoll effett importanti ta' bini ta' kapaċità bil-ħsieb għall-perjodu ta' ipprogrammar 2007-13.

# 6. GLOSSARJU

| | |
|---|---|
| **Għoti ta' skont:** | il-proċess ta' aġġustament tal-valur futur ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji ma' dak preżenti permezz ta' rata ta' skont. |
| **Rata ta' skont:** | ir-rata li biha l-valuri futuri huma mnaqqsa għal dawk preżenti. |
| **Rata interna ta' dħul:** | ir-rata ta' skont li biha għadd ta' spejjeż u benefiċċji għandhom valur nett preżenti ta' żero. Ir-rata interna ta' dħul hi mqabbla ma' kriterju ta' referenza sabiex tevalwa r-rendiment tal-proġett propost. |
| **Spejjeż ta' l-investiment:** | spejjeż kapitali li wieħed jeħel biex jibni l-proġett. |
| **Spejjeż tat-tħaddim:** | l-ispejjeż li wieħed jeħel biex iħaddem investiment inklużi l-ispejjeż ta' manutenzjoni rutina u straordinarja, iżda esklużi d-deprezzament jew l-ispejjeż kapitali. |
| **Valur Nett Preżenti (l-*NPV*):** | is-somma li tirriżulta meta l-ispejjeż mistennija ta' l-investiment jitnaqqsu mill-valur skontat tal-benefiċċji mistennija. |
| **Proġett:** | ħidma li tinkludi sensiela ta' xogħlijiet, attivitajiet jew servizzi maħsuba fiha nnifisha biex ittemm biċċa xogħol indiviżibbli ta' natura ekonomika jew teknika preċiża, li għandha miri identifikati sew |
| **Perjodu ta' referenza:** | in-numru ta' snin li għalihom jingħataw previżjonijiet fl-analiżi ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji. |
| **Valur residwu:** | il-valur nett preżenti ta' l-assi fl-aħħar sena tal-perjodu ta' referenza magħżul għall-analiżi ta' l-evalwazzjoni. |
| **Proġett li jiġġenera dħul:** | kull ħidma li tinvolvi investiment fl-infrastruttura, li l-użu tagħha hu suġġett għall-ħlasijiet li jrid iħallas min jużahom, u kull ħidma li tinvolvi l-bejgħ jew il-kera ta' art jew bini jew l-għoti ta' servizzi bi ħlas. |
| **Dħul:** | dħul li hu mistenni minn investiment permezz ta' l-iffissar tal-prezzijiet jew ħlasijiet. |

# 7. REFERENZI


Commissariat général du Plan, *Révision du taux d'actualisation des investissements publics*, 2005.
http://www.plan.gouv.fr/intranet/upload/actualite/Rapport%20Lebegue%20Taux%20actualisation%2024-01-05.pdf

European Commission, DG Regional Policy, *Guide to cost-benefit analysis of investment projects,* 2002.
http://europa.eu.int/comm/regional_policy/sources/docgener/guides/cost/guide02_en.pdf

European Commission, DG Regional Policy, *Guidelines for Successful Public–Private Partnerships*, 2003.
http://europa.eu.int/comm/regional_policy/sources/docgener/guides/ppp_en.pdf

European Commission, *HEATCO - A harmonised approach to assessing costs for transport projects at the European level*, project funded under the 6th Framework Programme, coordinated by the University of Stuttgart, 2006.
http://heatco.ier.uni-stuttgart.de/

European Investment Bank and European Commission, *RAILPAG – Railway Project Appraisal Guidelines*, 2005.
http://www.railpag.com

Fankhauser S. and Tepic S., *Can poor consumers pay for energy and water? An affordability analysis for transition countries*, EBRD Working Paper n. 92, 2005.
http://www.ebrd.com/pubs/econo/wp0092.pdf

HM Treasury, *Appraisal and evaluation in Central Government. The Green Book,* HMSO, London, 2003.
http://www.hm-treasury.gov.uk/economic_data_and_tools/greenbook/data_greenbook_index.cfm

Pearce D., Atkinson G. and Mourato S., *Cost Benefit Analysis and the Environment: Recent Developments.* OECD / Edward Elgar, Cheltenham, 2005.

# ANNESS I:

## SĦUBIJA BEJN IL-GVERN U L-PRIVAT (IL-*PPP*)

Il-*PPPs* jistgħu joħolqu numru ta' żvantaġġi jekk jintwera li se jiksbu valur addizzjonali meta mqabbla ma' approċċi oħra, jekk ikun hemm struttura ta' implimentazzjoni effikaċi u jekk l-għanijiet tal-partijiet kollha jistgħu jintlaħqu fis-sħubija.

Il-Kummissjoni identifikat erba' rwoli prinċipali għas-settur privat fis-skemi tal-*PPP*:
- biex jipprovdi aktar kapital;
- biex jipprovdi tmexxija alternattiva u ħiliet ta' implimentazzjoni;
- biex jipprovdi valur miżjud lill-konsumatur u lill-pubbliku in ġenerali;
- biex jipprovdi identifikazzjoni aħjar tal-bżonnijiet u l-aqwa użu tar-riżorsi.

Ta' min jiftakar iżda, li l-iskemi tal-*PPP* huma wkoll kumplessi biex jiġu ddisinjati, implimentati u mmexxija. Żgur li  mhumiex l-unika għażla jew l-għażla preferita.

Il-*Linji ta' Gwida għas-Sħubija b'Suċċess bejn il-Gvern u l-Privat* (jekk jogħġbok irreferi għas-sit ta' l-internet li ġej:
"http://europa.eu.int/comm/regional_policy/sources/docgener/guides/ppp_en.pdf")
kienu ddisinjati bħala għodda prattika għal professjonisti tal-*PPP* fis-settur pubbliku li kellhom l-opportunità jistrutturaw skema tal-*PPP* u jintegraw il-finanzjament ta' għotja. Huma jiffukaw fuq erba' temi ewlenin:
- jiżguraw l-aċċess għal suq miftuħ u kompetizzjoni ħielsa;
- jipproteġu l-interess pubbliku u jimmassimiżżaw il-valur miżjud;
- jiddefinixxu l-aqwa livell ta' finanzjament ta' għotja kemm biex jagħmlu proġett vijabbli u sostenibbli, iżda wkoll biex jevitaw kull opportunità għal profitti bla ħsieb mill-għotjiet;
- jevalwaw l-aktar tip ta' *PPP* effettiv għal proġett partikolari.

Tipi ta' *PPP*:

- **Prokura tradizzjonali li jagħmel is-Servizz Pubbliku** – tinvolvi ħruġ ta' kuntratti għal servizz ta' kompiti identifikati sew iżda sid l-assi u t-tmexxija tal-finanzjament jibqgħu f'idejn il-gvern.
- **Proġetti *BOT*** – il-karatteristika ta' dan it-tip ta' relazzjonijiet tal-*PPP* hija li filwaqt li sid l-assi u r-responsabbiltà għat-tmexxija tal-finanzjament tibqa' f'idejn il-parti governattiva, l-assi għandhom operatur privat li jdaħħal dħul finanzjarju mill-operat tagħhom u għalhekk min jużahom irid iħallas (b'mod dirett jew indirett).
- **Ftehim dwar konċessjonijiet** – is-settur pubbliku jafda l-operazzjoni f'idejn parti privata iżda r-responsabbiltà finanzjarja tinqasam u l-konkessjonarju privat iġib parteċipazzjoni fl-ishma. Il-pussess ta' l-assi (finalment) jibqa' f'idejn is-settur pubbliku.

# L-ANNESS II:

## L-EKWITÀ (KEMM JIFILĦU JĦALLSU)

It-tabelli t'hawn taħt jagħtu rapport dwar il-proporzjonijiet preżenti ta' kemm jifilħu jħallsu l-Istati Membri ta' Koeżjoni fl-Ewropa tal-Lvant Ċentrali. Il-proporzjonijiet ta' kemm jifilħu jħallsu huma mogħtija kemm għal familja bi dħul medju kif ukoll bi dħul baxx fl-għaxar skala. Ta' min jinnota li dawn l-indikaturi jirreferu għan-nefqa kurrenti *proprja* għas-servizzi importanti li mhux neċessarjament jirriflettu l-livell ta' tariffi massimi li *wieħed ikun jista'* jħallas.
Dawn it-tabelli qiegħdin jingħataw għal skopijiet ta' tifsir biss.

**Tabella 1 – Kemm jifilħu jħallsu fil-preżent għas-servizzi importanti, familja medja (% tan-nefqa totali għal kull familja)**

| | L-Elettriku | It-Tisħin | L-Ilma |
|---|---|---|---|
| Ir-Repubblika Ċeka | 4.2 | 3.4 | 1.2 |
| L-Estonja | 3.2 | 5.4 | 1.0 |
| L-Ungerija | 5.3 | 1.9 | 4.1 |
| Il-Latvija | 2.2 | 3.2 | 0.8 |
| Il-Litwanja | 2.8 | 3.7 | 1.1 |
| Il-Polonja | 4.5 | 2.7 | 2.0 |
| Ir-Repubblika Slovakka | 3.5 | 7.9 | 1.3 |
| Is-Slovenja | 4.5 | 1.2 | 1.3 |
| *Kemm jifilħu jħallsu bħala medja* | *3.8* | *3.7* | *1.6* |

*Sors: EBRD*

**Tabella 2 – Kemm jifilħu jħallsu bħalissa għas-servizzi importanti, l-għaxar skala l-baxxa (% tan-nefqa totali ta' familja)**

| | L-Elettriku | It-Tisħin | L-Ilma |
|---|---|---|---|
| Ir-Repubblika Ċeka | 5.5 | 3.3 | 1.5 |
| L-Estonja | 8.2 | 15.4 | 2.4 |
| L-Ungerija | 6.3 | 1.3 | 4.0 |
| Il-Latvija | 2.2 | 2.8 | 0.9 |
| Il-Litwanja | 3.1 | 0.7 | 0.7 |
| Il-Polonja | 5.7 | 1.2 | 1.8 |
| Ir-Repubblika Slovakka | 11.4 | 18.6 | 4.3 |
| Is-Slovenja | 9.4 | 1.9 | 2.6 |
| *Kemm jifilħu jħallsu bħala medja* | *6.5* | *5.7* | *2.3* |

*Sors: EBRD*

## L-Anness III:

## Determinazzjoni ta' l-Għotja mill-UE: Eżempju numeriku

Jekk nassumu li l-għajnuna mill-Fondi hi meħtieġa għal proġett ewlieni taħt l-assi ta' prijorità li għalih ir-rata ta' ko-finanzjament (is-CRpa) hija 75%, rata ta' skont ta' 5% hi użata f'termini reali għall-analiżi finanzjarja. Il-proġett għandu l-profil ta' likwidità li ġej:

*M€ - 2007 prezzijiet kostanti*

| Sena | Spejjeż ta' l-investiment | Spejjeż tat-tħaddim | Dħul | Valur residwu | Likwidità netta |
|---|---|---|---|---|---|
| 2007 | 25 | - | - | - | - 25 |
| 2008 | 25 | - | - | - | - 25 |
| 2009 | 25 | - | - | - | - 25 |
| 2010 | 25 | - | - | - | - 25 |
| 2011 | - | 2 | 4 | - | 2 |
| 2012 | - | 2 | 4 | - | 2 |
| 2013 | - | 2 | 4 | - | 2 |
| 2014 | - | 2 | 4 | - | 2 |
| 2015 | - | 2 | 4 | - | 2 |
| 2016 | - | 2 | 4 | - | 2 |
| 2017 | - | 2 | 4 | - | 2 |
| 2018 | - | 2 | 4 | - | 2 |
| 2019 | - | 2 | 4 | - | 2 |
| 2020 | - | 2 | 4 | - | 2 |
| 2021 | - | 2 | 4 | - | 2 |
| 2022 | - | 2 | 4 | - | 2 |
| 2023 | - | 2 | 4 | - | 2 |
| 2024 | - | 2 | 4 | - | 2 |
| 2025 | - | 2 | 4 | - | 2 |
| 2026 | - | 2 | 4 | 5 | 7 |
| Total | 100 | 32 | 64 | 5 | |
| Total (Bi skont) | 89 | 18 | 36 | 2 | -68,93 |

| | Valuri mnaqqsa | Valuri mhux imnaqqsa |
|---|---|---|
| Spejjeż totali għall-investiment | | 100 |
| li minnhom l-ispejjeż eliġibbli (KE), ngħidu aħna, | | 80 |
| Spejjeż ta' l-investiment imnaqqsa (*DIC*) | 89 | |
| Dħul nett bi skont (*DNR*) = 36+2-18 | 20 | |

**L-1 Pass) Insibu r-rata ta' finanzjament fejn hemm nuqqas (R):**

L-ewwel iridu nsibu "n-nefqa eliġibbli" (l-*EE*) skond l-Art. 55.2:

EE = DIC-DNR

EE = 89 – 20 = 69

Imbagħad, ir-rata ta' finanzjament fejn hemm nuqqas (R) tinstab li hija:

R = EE/DIC

R = 69/89 = 78%

**It-2 Pass) Sib "l-ammont tad-deċiżjoni" (DA),** jiġifieri "l-ammont li għalih tapplika r-rata ta' ko-finanzjament għall-assi ta' prijorità " (Art. 41.2):

DA = EC*R

fejn

EC hija l-ispiża eliġibbli

DA = 80*78% = 62

**It-3 Pass) Sib l-għotja (massima) mill-UE**

l-għotja mill-UE = DA*CRpa

fejn

Is-Crpa hija r-rata massima ta' kofinanzjament iffissata għall-assi ta' prijorità fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tadotta l-programm ta' ħidma (Art. 53.6).

għotja mill-UE = 62*75% = 47